

# It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Konsumatur Ewropew

L-Unjoni Ewropea ta' spiss tippubblika tabella ta' valutazzjoni tal-konsumatur. Din it-tabella sservi biex tidentifika jekk is-suq Ewropew huwiex miexi b'mod xieraq mal-konsumatur. L-għan ewlieni tal-UE huwa li tassigura li l-benefiċċji ta' suq wieħed fost il-pajjiżi membri tagħha jaslu mhux biss għand min jipproduċi jew jimporta, imma għandu jservi wkoll ta' benefiċċju għall-konsumatur biex dan ikollu fiduċja fis-suq waħdieni.

L-indiċi tal-kundizzjonijiet għall-konsumatur jitkejjel skont il-fiduċja tal-konsumatur fl-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u fil-bejjiegħa bl-imnut u skont l-effettività fit-trattament ta' tilwimiet, fost aspetti oħra. Skont l-aħħar tabella ta' valutazzjoni li ħarġet ftit tal-ġranet ilu jirriżulta li:

- sar progress fil-kundizzjonijiet nazzjonali tal-konsumatur;
- qiegħed isir tkabbir kontinwu tal-kummerċ elettroniku domestiku;
- qiegħed jiżdied bil-mod il-kummerċ elettroniku bejn pajjiż u ieħor;
- għad hemm perċezzjonijiet tal-konsumaturi li huma pjuttost negattivi lejn xiri transkonfinali;
- naqas il-persentaġġ ta' bejjiegħa bl-imnut lejn pajjiżi oħra tal-UE;
- minkejja l-kriżi ekonomika, is-sehem tal-konsumaturi vulnerabbli jvarja sew bejn Stat u ieħor tal-UE.

Skont dawn ir-riżultati, l-Istati Membri tal-UE għandhom ikomplu jinvestu f'ambjent ta' kwalità għall-konsumatur u għandu jkun hemm irwol ewlieni għal informazzjoni aktar effettiva dwar pariri transkonfinali, infurzar, u dwar mekkaniżmi ta' kumpens eżistenti, bħalma huma ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur.

MEUSAC
Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt